



Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

PJAN TA' ĦIDMA 2025-2026

#EUCHildParticipation

Diċembru 2024



X'INHU L-PJAN TA' ĦIDMA?

Il-Pjan ta' Ħidma jgħinna nifhmu u norganizzaw dak li se tagħmel il-Pjattaforma matul is-sentejn li ġejjin. Dan il-pjan se jiggwidana biex niksbu l-fehmiet u l-opinjonijiet ta' ħafna tfal fl-Unjoni Ewropea (I-UE), u se jgħinna biex insemmgħu leħinhom ma' min ifassal il-politika tal-UE.

IL-PJAN TA' ĦIDMA KIF TFASSAL?

Matul dawn l-aħħar sentejn, it-tfal ipproponew diversi punti ta' ħidma għall-Pjattaforma. Dawn il-proposti saru waqt l-ewwel Assemblea Ġenerali f'Ġunju 2023, fil-laqgħat tal-Bord Konsultattiv u tal-Panel tat-Tfal, u fil-lagħha Oħloq, Ippjana, Ipparteċipa li saret f'Ġunju 2024. F'din il-laqgħa f'Ġunju:

- > **Ħarisna lura lejn il-ħidma li kienet saret fuq il-bażi tal-Pjan ta' Ħidma 2023-2024.**
- > **Ħarisna 'I quddiem biex nirriflett u niddiskutu dwar x'għandu jkun inkluż fil-Pjan ta' Ħidma 2025-2026.**

It-tfal qasemu dak li huwa l-aktar importanti għalihom. Fuq il-bażi tal-kontribut kollu tagħhom, imbagħad fassalna lista ta' suġġetti importanti għall-futur u qabbilnīhom mal-prioritajiet tal-Kummissjoni Ewropea. L-ilħna tat-tfal direttament iddeterminaw l-ħerba' oqsma ewlenin ta' azzjoni għall-2025-2026, u żguraw li l-Pjan ta' Ħidma jirrifletti l-prioritajiet tagħhom u jwassal għal azzjonijiet konkreti.

FUQ XIEX JIFFOKA L-PJAN TA' ĦIDMA 2025-2026?



- > **Opportunitajiet indaqs u inklużjoni soċjali:** Ħarsa lejn l-aċċess tat-tfal għal edukazzjoni tajba, kura tas-saħħa, u akkomodazzjoni.



- > **Sikurezza online:** Proteżżjoni tat-tfal fuq l-internet u għajjnuna biex jifhmu drittijiet online.



- > **Saħħa u benesseri mentali:** Għajjnuna lit-tfal biex iħossuhom kuntenti u sikuri, kemm fil-ħajja reali kif ukoll online.



- > **Azzjoni klimatika:** Aktar involviment tat-tfal fil-proteżżjoni tal-ambjent u tagħlim dwar kif jieħdu ħsieb il-pjaneta.

GħALIEX DAWN L-ERBA' SUĠĠETTI?

Il-pjattaforma se tiffoka fuq erba' suġġetti biex tiżgura li l-ħidma tkun maniġġabbli u sinifikattiva. Dawn is-suġġetti ntgħażlu minħabba li jikkorrispondu ma' dak li t-tfal qalu li hu l-aktar importanti u dak li l-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li taħdem fuqu fil-ftit snin li ġejjin.

Billi niffokaw fuq l-istess suġġetti bħall-Kummissjoni Ewropea, l-ideat tat-tfal jista' jkollhom impatt akbar fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu madwar l-Ewropa.

KIF NAĦDMU?

- > Konsultazzjonijiet mat-tfal b'modi differenti, bħal intervisti, diskussionijiet, u stħarriġ, biex niġbru l-ideat u s-suġġerimenti tat-tfal.
- > Żjarat ta' studju u żjarat reċiproki (peer visits) ma' pajjiżi oħra biex nitgħallmu minn xulxin, naraw kif jitfasslu l-politiki, u nesploraw suġġetti importanti tal-Pjan ta' l-ħidma.
- > Laqgħat interattivi online u wiċċi imb'wiċċi, b'attivitàajiet bħal logħob, logħob ta' rwoli, u votazzjonijiet.
- > Konverżazzjonijiet ma' esperti, rappreżentanti tal-UE, u attivisti żgħażaq, biex naqsmu l-ideat u nitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom.
- > Simplifikazzjoni ta' dokumenti importanti f'verżjonijiet faċċi biex jinqraw, sabiex it-tfal ikunu jistgħu jifhmu u jagħtu l-feedback tagħhom.



X'SE NAGĦMLU FL-2025-2026?



Nisimgħu lit-tfal

- > **Konsultazzjoni 1 – Opportunitajiet indaqs u inklużjoni soċjali (l-ewwel nofs tal-2025):** It-tfal se jaqsmu l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom dwar kif il-faqar jaffettwa l-ħajja tagħhom, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni, u x'jista' jsir biex jittejbu dawn l-oqsma u oqsma oħra li ssemmew fl-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal. Dan se jgħin ukoll lill-kolleġi jevalwaw il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Istrateġija.
- > **Konsultazzjoni 2 – Saħħa mentali u s-sikurezza online (2026):** It-tfal se jaqsmu l-impatt tal-ambjent online, inkluż tal-media soċjali fuq is-saħħa mentali, l-aċċess għas-servizzi, u kif dawn jistgħu jittejbu. Din il-konsultazzjoni se tkun marbuta wkoll ma' riċerka fl-UE kollha dwar kif il-media soċjali taffettwa s-saħħa mentali, kif deskritt fil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024 - 2029.



Żjara ta' studju

- > **Żjara 1 – Id-drittijiet tat-tfal f'azzjoni (2025):** It-tfal se jżuru pajjiż biex jaraw kif il-parteċipazzjoni tat-tfal għandha impatt fuq it-tfassil tal-politika fil-livelli lokali u nazzjonali.
- > **Żjara 2 – Azzjoni klimatika u edukazzjoni (2026):** Din iż-żjara se tiffoka fuq tagħlim lit-tfal dwar l-azzjoni klimatika u dwar kif jistgħu jgħinu biex jipproteġu l-ambjent.



Żjara reċiproki (peer visits)

- > **Żjara 1 – Sikurezza online u drittijiet digħiċċi (2025):** Tfal minn pajjiżi differenti se jiltaqgħu biex jaqsmu ideat dwar is-sikurezza online u d-drittijiet digħiċċi.
- > **Żjara 2 – Appoġġ reċiproku fil-qasam tas-saħħa mentali (2026):** It-tfal se jiltaqgħu u jesploraw kif jistgħu jappoġġaw lil-xulxin fis-saħħa mentali fl-iskejjel u fil-komunitajiet.



Nifhmu aħjar il-miżuri politiċi

Se noħolqu verżjonijiet faċli biex jinqraw u adattati għat-tfal ta' dokumenti u rapporti ta' politika importanti, bħall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bullying Ċibernetiku u l-Linji Gwida tal-UE dwar il-benesseri Linji Gwida tal-UE dwar il-benesseri u s-saħħa mentali fl-iskejjel u nsaqsu lit-tfal x'jaħsbu dwarhom.



MIN JORGANIZZA L-ATTIVITAJIET?




- **Is-Segretarjat** jorganizza l-ħidma tal-Pjattaforma u jgħin biex jiżgura li l-attivitajiet ikunu inklużivi u adattati għat-tfal. Jikkonsisti fis-sħab ICF S.A., RPA, Save the Children, SOS Children's Villages, u l-experti Laura Lundy u Cath Larkins.



- **Il-Bord Konsultattiv** huwa tim ta' esperti u tfal li jaħdmu flimkien biex jiggwidaw il-ħidma tal-Pjattaforma. Huma jagħtu pariri, jieħdu deċiżjonijiet, u jiżguraw li dak kollu li tagħmel il-Pjattaforma jkun sikur, inklużiv u sinifikattiv għat-tfal.




- **Il-Panel tat-Tfal** huwa magħmul minn grupp ta' 10-20 tifel u tifla minn madwar l-Ewropa. Jaqsmu ideat, jirrevedu l-pjanijiet, u jgħinu biex jiġi żgurat li l-Pjattaforma tiffoka fuq il-ħtiġijiet u x-xewqat tat-tfal.



- **Il-Kummissjoni** hija parti mill-Unjoni Ewropea. Huma jisimgħu l-ideat tat-tfal involuti fil-Pjattaforma u jippruvaw jinkluduhom fid-deċiżjonijiet tal-UE. Huma jħallsu għall-attivitajiet.



**FLIMKIEN, NISTGĦU NAGĦMLU
DIFFERENZA POŽITTTIVA
FL-EWROPA!**





#EUChildParticipation

PJAN TA' ĦIDMA 2025-2026